KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAS-SLIEMA TAD-DISA' LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 73

It-Tnejn u sebgħin seduta tad-disa' leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet nhar l-Erbgħa 20 ta' Marzu 2024 fis-6pm ġo sala ġewwa Pjazzetta, Triq Għar il-Lembi Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | John Pillow | Sindku |
| | Anton Debono | Viċi Sindku |
| | David Soler | Kunsillier |
| | Wallace Vella Baldacchino | Kunsillier |
| | Emmanuel Borg | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| | David Muscat | Kunsillier |
| | Kevin Wain | Kunsillier |
| | Anthony Galea | Kunsillier |
| | John Dougall | Kunsillier |
| | Vivienne Galea Pace | Kunsilliera |
| | Illona Fenech | Kunsilliera |
| | Jacqueline Higgans | Kunsilliera |

ASSENTI **B'APPOLOGIJA**
**(Skont Ordni Permanenti 14A (3)**

**ASSENTI**

| | | |
|---|---|---|
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Pierre P Portelli | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Assistent Uffiċċjali Prinċipali |

*Is-Seduta bdiet b'din l-Aġenda fis-6:10pm:*

73.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
73.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 72;
73.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
73.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri:
73.5 Aċċettazzjoni tal-Ħatra tal-Kunsilliera Sinj. Jacqueline Higgans
73.6 Rapporti;
73.7 Items Oħra;
73.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati;
73.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;
73.10 Mozzjonijiet;
73.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

## 73.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI

**73.1.1** Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ma rċieva l-ebda ittra ta' apoloġiji mingħand il-kunsilliera.

## 73.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU 72

**73.2.1** Ġew imressqa dawn l-emendi mill-kunsillier P Radmilli:

*Emendi għal minuti 72*

*Emendi ghal 72.9.6 l-ewwel paragrafu li jinbidel minn:*

72.9.6 Il-kunsillier P Radmilli qal li meta sar is-survey tat-toroq, peress li hu kien involut fil-proċess, qal li l-perit li ħadem fuq is-survey inkluda l-prezz tiegħu sabiex jaħdem ukoll fuq it-tender. Kompla jgħid ukoll li suppost il-perit kellu obbligu ukoll li japplika għal-DPF sabiex il-kunsill kemm jista' jkun ma joħroġ fondi minn tiegħu.;

*Jinbidel għal:*

72.9.6 Il-kunsillier P Radmilli qal li meta saret it-tender għas-survey tat-toroq, peress li hu kien involut fil-proċess, qal li skond it-tender il-perit li ħadem fuq is-survey kien inkaigat ukoll li jaħdem fuq it-tfassil tat-tender għax-xogħlijiet li jridu jiwettqu u kif ukoll li japplika għad-DPF sabiex il-kunsill kemm jista' jkun ma joħroġ fondi minn tiegħu.;

*Emendi ghal 72.9.6 it-tieni paragrafu li jinbidel minn:*

Il-kunsillier P Radmilli kompla jgħid li bħala proposta, peress li l-kunsill diġà qabbad lil perit sabiex jagħmel survey ta' żewġ żoni li inkludi lispeċifikazzjonijiet ukoll, ikun għaqli li jinqabad l-istess perit sabiex isir survey estensiv fuq żoni oħra tal-lokalita'. Dan għaliex, kompla lkunsillier, li l-applikazzjoni għad-DPF, il-PA idumu ftit biex japprovaw, allura jkun jagħmel sens li jitlesta x-xogħol ta' survey mill-perit inkarigat.
*Jinbidel għal:*

Il-kunsillier P Radmilli kompla jgħid li bħala proposta, peress li l-kunsill diġà qabbad lil perit sabiex jagħmel survey ta' żewġ żoni li jinkludi l-ispeċifikazzjonijiet ukoll, ikun għaqli li l-istess perit jintalab japplika għad-

DPF ghal dawk iz-zewġ żoni li huma lesti u li jikkonkludi t-tender għax-xogħlijiet ta' dawn iż-żewġ żoni. Dan għaliex, kompla l-kunsillier, li fl-applikazzjoni għad-DPF, il-PA idumu ftit biex japprovaw, allura jkun jagħmel sens li japplika għad-DPF minn issa.

73.2.2 Is-Sindku ressaq il-minuti tal-laqgħa 72 għall-approvazzjoni. *Approvazzjoni ta' Minuti nr. 72*

**Il-Kunsillier D Soler ippropona l-approvazzjoni tal-minuti hekk kif korretti u kien s-sekondat mill-kunsillier E Borg. Kien hemm qbil unanimu mill-kunsilliera preżenti.**

## 73.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

73.3.1 '*zebra crossing*, fi triq il-kulleġġ' is-Sindku qal li qed jiċċekkja l-permessi mat-TM għal dan ix-xogħol li min għalih, diġà hemm applikazzjoni mat-TM biex dan ix-xogħol isir. Qal jekk jinstab dan il-permess, allura la jitlesta x-xogħol li għaddej fi Triq il-Kbira, li huwa għaddej skont il-programm, jinbeda l-proġett taz-*zebra crossing* fl-imsemmija triq.
Is-Sindku qal li ħareġ il-permess taz-zebra crossing u ta' żewġ rampi *(traffic calming ramps).* Qal ukoll li l-permess ta' waħda mir-rampi ilha li ħarġet mill-2021.

Il-Kunsillier D Muscat ippreżenta firem tar-residenti li joqgħodu f'dawn l-akkwati sabiex dan ix-xogħol isir mill-aktar fis possibbli.

Is-Sindku kompla jgħid li fil-pjanti oriġinali li kien ippreżenta l-Perit li kien imqabbad mill-kunsill, hemm ukoll *center strip* u diżinji biex il-bankini jiddejqu ftit. Sostna li irid isir l-RWP mat-TM u l-proġett jista' jibda.

Is-Sindku qal li ġiet approvata *zebra crossing* oħra fi Triq Rodolfo, bejn Sqaq Sajjan u Triq Gianni Bencini.

**Il-Viċi Sindku A Debono daħal għal laqgħa fis-6:20pm**

73.3.2 Aġġornament dwar xogħolijiet tax-Xatt: *Xogħolijiet tax-Xatt*
Is-Sindku qal li kien hemm laqgħa fuq il-post mar-rappreżentanti ta' Infrastructure Malta u l-fondazzjoni tar-riġenerazzjoni taż-żoni turistiċi, fejn ġie deċiż li fanali tax-Xatt se jinbidlu u ser isiru ġodda. Dawn mhux ser jitpoġġew fuq il-bażijiet tal-konkos li hemm preżenti, pero' ser jitwaħħlu quddiemhom ma' l-art. L-istima għal dan ix-xogħol tidher li hija waħda għolja pero' dan l-ispejjeż se jiġu koperti minn l-entitajiet tal-Gvern li għadni kemm semmejt.

Is-Sindku kompla jgħid li l-kurduna tal-konkos li hemm quddiem il-*landing ferry* il-ġdida qed tiġi rranġata minn Infrastructure Malta, fejn din il-kurduna żdiedet mit-tul minn żewġ naħat tal-bankina u meta titlesta ser timtela' b'aktar ħamrija u ser jinżeraw siġar ġodda.

**Il-Kunsillier J Dougall daħal għal laqgħa fis-6:23pm**

73.3.4 Xogħolijiet proposti fil-bajja ta' Taormina: *Xogħolijiet proposti fil-bajja ta' Taormina*

Is-Sindku qal li kellu laqgħa fuq il-post ma' Infrastructure Malta, fejn tkellmu fuq tlett interventi ta' xogħol li irid isir f'din iż-żona, dawn kienu:

1. Is-*slipway* li għandha bżonn tiġi rranġata ħabba l-ħsara li għandha. L-aħħar darba li ġiet irranġata kien erba snin ilu.
2. Ir-rampa għan-nies bi bżonnijiet speċjali ser isir ħajt quddiemu ħalli din ir-rampa ma tibqax ta' periklu
3. L-ilma ġieri jew likwidu li hemm ħiereġ mill-blat fejn hemm il-bankijiet ser isiru testijiet minn naħa tad-dipartiment tas-Saħħa fil-jiem li ġejjien sabiex jiġi stabbilit x'fih dan il-likwidu.

73.3.5 Banijiet ta' Qui Si Sana: *Banijiet QSS*

Is-Sindku qal li hemm ġebel kbir li spiċċa f'dawn il-banjijiet ħabba l-maltemp. Qal li fl-2020 l-kunsill kien ġie naddaf dawn il-banjijiet, pero' biex il-kunsill iġib il-permess biex jerġa jitnaddaf hemm bżonn l-awtorizzazzjoni mill-Heritage Malta. Is-Sindku kompla li l-kunsill ser jikkomunika ma din l-entita' governattiva biex jara kif jista' jinħareġ permess.

**Il-Kunsillier P Radmilli daħal għal laqgħa fis-6:27pm**

73.3.6 L-Aġent Seg. Eżek. Qal li wara li tlesta l-proċess ta' twaħħil tal-ventilaturi, l-kunsill kien għad għandu madwar 250 ventilatur, b'hekk ħarġet sejħa għar-residenti għal kull min jixtieq japplika sabiex ikollu ventilaturi mwaħħlin mal-faċċata tad-djar tagħhom. *Twaħħil ta' ventilaturi*

Is-Sindku qal li t-talba ta' EUR15 għal kull ventilatur biex jitwaħħal huwa għoli mhux ħażin.

73.3.6 L-Aġent Seg. Eżek. Qal li irċieva talba mingħand sid ta' *Boutique Hotel* ġewwa Triq Amery sabiex il-kunsill jagħti permess lit-TM sabiex isir Un/loading bay quddiem l-istabiliment tagħha u b'hekk jitneħħew żewġ parkeġġi għar-residenti. Kompla jgħid li d-deċiżjoni trid titieħed mill-kunsill. *Un/loading bay*

Wara diskussjoni fuq dan il-kas partikolari, l-Aġent Seg. ippropona li jisejjaħ vot sabiex tittieħed deċiżjoni mill-kunsilliera preżenti.

Is-Sindku qal li din il-persuna kienet diġa' avviċinatu sabiex tkellmu

rigward dan il-permess. Qal li ma jistgħax ikun li kull min għandu ħanut jew boutique hotel f'tas-Sliema tapplika għal un/loading bays, kompla jgħid li r-residenti ma' jitgħux jibqgħu jitilfu l-parkeġġ fit-toroq tal-lokalita'.

-------

*Aċċettazzjoni tal-ħatra*

* Qabel ittieħed il-vot, is-Sindku talab jekk il-kunsilliera preżenti għall-aċċettazzjoni tas-Sinjura Jacqueline Higgans li tieħu post l-ex Kunsillier Pierre P Portelli.

--------

*Votazzjoni un/loading bay*

Id-domanda li saret għal votazzjoni:
'Taqbel jew ma taqbilx li jingħata un/loading bay ġewwa Triq Amery quddiem dan il-Boutique Hotel?

Il-kunsilliera kollha preżenti ma qablux li tingħata UN/Loading Bay.
Il-Viċi Sindku astjena minn dan il-vot. Żied jgħid illi jekk min applika għal dan il-un/loading bay tiġbor il-firem tal-ħwienet tal-madwar sabiex issostni t-talba tagħha, l-kunsill għandu jerġa jikkunsidra din it-talba.

Il-Viċi Sindku ppropona biex issir talba lit-TM għal un/loading bay waħda fi Triq il-Kbira bil-ħinijiet jindikaw mid-9am sa 12pm u l-qbija tal-ħinijiet il-parkeġġ ikun liberu għal karozzi.

Il-kunsillier P Radmilli saqsa jekk il-kunsill qatt irċieva domanda formali mill-ħwienet ta' l-akwata inkwistjoni, (Triq Amery u Triq il-Kbira) u kompla jgħid li jekk jitneħħa imqarr post ta' parkeġġ wieħed f'dawn it-toroq, ir-resident ħa jbgħati. Jekk li kieku hemm xi domanda, din għandha tiġi mressqa u approvata.

Il-propposta tal-Viċi Sindku ġiet imressqa għal vot bid-domanda:
*Taqblu li ssir talba lit-TM li ġewwa Triq il-Kbira ssir UN/loading bay?*

**Qablu:**
*J Pillow, A Debono, J Dougall, J Higgans, D Muscat, E Borg, T Galea u V Galea Pace*

**Ma qablux:**
*D. Soler, K Wain, W Baldacchino u P Radmilli*

**Il-proposta tal-Viċi Sindku għaddiet.**

73.4 **TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI**

73.4.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal ma rċieva l-ebda mistoqsija qabel il-laqgħa.

73.5 *** AĊĊETTAZZJONI TAL-ĦATRA TAL-KUNSILLIERA SINJ. JACQUELINE HIGGANS**

73.5.1 Il-kunsilliera preżenti vvutaw unanimanet li s-Sinj. Jacqueline Higgans tkun kunsilliera ġdida fi ħdan il-kunsill lokali ta' tas-Sliema. *Aċċettazzjoni tal-ħatra (tkompli)*

Is-Sindku saqsa lis-Sinj. Higgans jekk taċċettax din il-kariga u hi aċċettat.

Mill-lum is-Sinj. Higgans hija uffiċċjalment Kunsilliera Slimiża.

--------

73.6 **RAPPORTI**

73.6.1 Ġew ippreżentati r-rapporti mill-*contracts manager* għax-xogħolijiet li saru minn Jannar sax-xahar ta' Frar. *Rapporti*

--------

73.7 **ITEMS OĦRA**

73.7.1 L-Aġent Seg. Eżek. spjega li fl-uffiċċju tal-kunsill hemm bżonn li isir *refurbishment* totali, ħalli l-ħaddiema tal-kunsill ikunu jistgħu jaqdu r-residenti b'mod iktar komdu u effiċjenti, f'post modern fejn jilqa' lil kulħadd. *Refurbishment ta' l-uffiċċju*

Għaldaqstant jeħtieġ li qabel ma jsir il-modernizzar ta' l-uffiċċju jeħtieġ li jsir rendikont ta' fajls kollha li hemm fl-arkivji tal-kunsill. Dawn il-fajls qed jieħdu ħafna spazju u m'hemmx iktar post fl-uffiċċju għal ħażna ta' dawn il-fajls. L-Aġent Seg. Eżek talab lil kunsill sabiex japprova pjan sabiex fajls antiki jiġu mormija skont il-proċeduri rikjesti mill-uffiċċjal tal-protezzjoni tad-data tal-Gvern fi ħdan l-uffiċċju tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali > *Policy Retention of Files within the Local Council Offices*

**L-Aġent Seg. Eżek qara l-proċedura meħtieġa u l-kunsill qabel unanimament ma dak li ppreżenta L-Aġent Seg. Eżek**.

73.7.2 Il-Viċi Sindku qal li l-uffiċċju għandu jġib stima għal 200 nassa tal-ġrieden sabiex nibdew nindirizzaw il-problema tal-ġrieden. *Nasses tal-ġrieden*

Kien hemm qbil dwar dan mill-kunsilliera preżenti.

**Il-Kunsillier D. Muscat telaq mill-laqgħa fis-7:36pm**

73.7.2 Il-Kunsilliera V. Galea Pace staqsiet jekk is-siġar taċ-ċipress li hemm fi Triq Dingli, jistgħu jkollhom xi tip ta' injam bħala qafas ta' appoġġ għal protezzjoni tagħhom. Kompliet tgħid li tas-Sliema jixraqila' jkollha fjuri sbieħ kemm jista' jkun s-sena kollha. *Fjuri u pjanti*

L-Aġent Seg. Eżek spjega li fi żmien qasir kellu laqgħa skedata mal-kuntrattur tal-*landscaping* tal-kunsill u dan il-punt kien ser jiġi imressaq.

**Il-Kunsilliera I. Fenech daħlet għal laqgħa fis-7:55pm**

73.7.3 Il-Kunsillier T. Galea qal li fi Triq it-Torri hemm numru ta' tappieri li għandhom bżonn tiswija ħabba l-ħsejjes li qegħdin jagħmlu meta jgħaddu l-karrozzi minn fuqhom. *Tappieri Triq it-Torri*

Is-Sindku qal li ser isir eżerċizzju fil-ġimgħat li ġejjien mill-ħaddiema tal-kunsill, fejn, ser jinkera van mimli bit-tarmac u apparat ieħor apposta sabiex induru dawk it-toroq fejn hemm il-ħofor. Ser jintalbu stimi għal tabelli tat-traffiku ġodda, imbagħad jinbidlu numru ta' tabelli u fl-istess ħin jinqalaw dawk it-tabelli kollha li huma msadda jew li m'għadtx hemm użu għalihom. *Kisi ta' ħofor u tibdil ta' tabelli tat-traffiku*

73.7.4 Il-Kunsillier D. Soler saqsa meta ser jiġu għan-normal ir-rotot ta' tal-linja fl-inħawi tal-proġett ta' Triq il-Kbira. *Rotot tal-linja*

Is-Sindku qal li la jitlesta l-proġett qabel l-Għid il-Kbir, ir-rotot tal-linja terġa' tibda topera bir-rotot bħal qabel.

73.7.5 Il-Kunsillier P. Radmilli qal li fil-laqgħa għar-residenti (locality meeting) li saret ġewwa l-Imperial kien hemm ċertu residenti li x'taqu jitkellmu u ma' ngħatawx ċans jagħmlu dan. Kompla jgħid li kienet saret laqgħa simili ġewwa The Palace Hotel, fejn dawk ir-residenti li attendew ingħataw numru, u wara li saret il-preżentazzjoni mis-segretarju eżekuttiv ta' dak iż-żmien, ir-residenti inqasmu fi gruppi żgħar. Dawn ir-residenti marru ġo kmamar separati fejn akkumpanjawhom żewġ kunsilliera, u f'dawn il-gruppi żgħar, ir-residenti setgħu iktar faċilment isemmgħu leħinhom. *Locality Meeting*
Kompla jgħid li għal laqgħat sussegwenti jkun tajjeb li l-kunsill juża dan il-format.

Suġġeriment ieħor għal locality meeting huwa li meta issir preżentazzjoni dwar ċertu suġġetti bħall-attività' Sliema Wirt u Niesha, il-kunsillier responabbli ta' din l-attività' għandu jitkellem dwar is-suġġett speċifiku.

Is-Sindku qal li jaqbel ma dawn is-suġġerimenti.

73.7.6 Il-Kunsillier P. Radmilli qal li d-disgwid li nqala' fuq l-ebda ftehim ta' ACB architects kien għaliex ma sibna l-ebda ftehim bil-kundizzjonijiet ta' ħlas u informazzjoni importanti oħra. Qal li għal kull servizz professjonali li jitqabbad mill-Kunsill li jitqabbad mill-kunsill, l-istess kunsill għandu jagħmel *'letter of engagement'*. *ACB Architects*

73.7.7

*Skema attivitajiet kulturali u tal-Milied*

Il-Viċi Sindku saqsa lill-A. Seg. Ezek. jekk kien hemm xi fondi għall-attivitajiet kulturali u tal-Milied.

L-Aġent Seg Ezek. irrisponda u qal li fl-aħħar laqgħa tal-kumitat tal-finanzi kien deċiż li l-applikazzjoni għal din is-sena tingħata bis-sħiħ għas-Sliema Arts Festival.

73.7.8 *Sponsor għal Mużew tal-Parroċċa Stella Maris*

Il-Viċi Sindku qal li rċieva talba għal għajnuna finanzjarja biex tinxtara vetrina li tiswa madwar EUR700. Kompla jgħid li dawn mhumiex VO u allura ma jistgħux japplikaw għal skemi tal-Gvern.

73.7.8 *Dawl tal-Milied*

Il-Viċi Sindku qal li jkun għaqli jekk għal din is-sena jinħareġ tender għad-dawl tal-Milied, hu saqsa jekk dan jista' jsir.

L-Aġent Seg. Eżek. irrisponda u qal li l-aħjar proċedura tkun li dan jiġi diskuss fil-laqgħa tal-kumitat tal-finanzi li jmiss u f'dan il-kumitat il-membri jiġu bis-suġġerimenti tagħhom ħalli jkun jista' jitfassal ix-xogħol tat-tender. Spjega li l-proċess ta' tender huwa wieħed twil għalhekk spjega li aħjar il-lokalita' tinqasam f'erba' żoni u jinħarġu CFQs għal kull żona, pero' kompla jgħid, li dan irid jiġi diskuss fil-kumitat tal-finanzi.

Il-Viċi Sindku qabel ma dak li qal l-aġent Seg. Eżek. u qal li fil-laqgħa li jmiss tal-kumitat tal-finanzi ser jressaq il-proposti tiegħu.

73.7.9 *Komun ta' l-appartamenti*

Il-Kunsilliera J. Higgans qalet li mportanti li l-kunsill jagħmel kuntatt ma' l-amministraturi tal-blokok ta' l-appartamenti u jeżiġu li r-residenti ta' dawn il-blokok jieħdu ħsieb li jinħareġ l-iskart fil-ħin u l-ġurnata t-tajba skont l-iskeda ta' l-iskart u jagħmlu mezz li l-komun u barra jkun mnaddfa sew ħabba l-problema tal-wirdien u ġrieden.

73.7.10

Is-Sindku qal li l-kunsill għandu iġib stimi biex tinxtara power wash apposta sabiex isir bankini u toroq madwar mal-lokalita'

Il-Viċi Sindku saqsa jekk il-kunsill għandu ħaddiema biżżejjed sabiex jintuża dan l-apparat. Qal ukoll li jekk nitolbu terżi persuni għal rati biex jużaw dan l-apparat l-kunsill jista' jispiċċa iħallas ħafna flus. Kompla jgħid li diġa' għandna rati għoljin ħafna biex jitwaħħlu l-ventilaturi.

## 73.08 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORTI TAL-LAQGĦAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTO KUMITATI

Ma kien hemm l-ebda rapporti mis-sotto kumitati

## 73.09 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI

73.09.01 Il-Viċi Sindku saqsa għalfejn ittieħdet id-deċiżjoni biex jitħallsu l-extra duty tal-pulizija għal purċissjoni ta' l-Irxoxt tal-Soċjeta' Mużikali ta' San Girgor. Kompla billi saqsa mingħand min il-kunsill rċieva dan l-kont. Il-Viċi Sindku qal li s-Soċjeta' għandha tiġi nfurmata li dan il-kont tħallas mill-kunsill lokali.

*Approvazzjoni tal-pagamenti*

73.09.02 Ġiet imressqa l-iskeda ta' pagamenti għall-approvazzjoni tal-kunsill

Il-Viċi Sindku ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti.
Il-kunsillier D Soler issekonda.

**Kien hemm qbil fost il-kunsilliera preżenti.**

## 73.10 MOZZJONIJIET

73.10.1 Ma kien hemm l-ebda mozzjoni

## 73.11 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

73.11.1 Is-seduta ntemmet fil-8:55pm.
Laqgħa oħra ġiet imsejħa għal nhar il-Ħamis il-25 t'April, 2024, fis-6pm.

**John Pillow**

**Sindku**

**Pierre P Portelli**

**Aġent Segretarju Eżekuttiv**